MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 389/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**

**Michael Stivala**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :
1. ghan-nom u inrapprezentanza ta’ Stivala Operators Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fid-9 ta’ Novembru, 2005, u fil-granet li jigu qabel din id-data, fil-lukanda Bay View, ix-Xatt, Gzira, naqas, jew hu jew impiegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali

permezz ta' "cash register" fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;
2. fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Novembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e)(f), 81 u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-partiti 1,2,3 u 10 tat-tlettax il-Skeda ta' l-istess Kap. 406, sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu multa ta' tlett mitt lira Maltija (LM300) u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din kienet alternattiva ghall-ewwel.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-appellant gie misjub hati ta' l-ewwel akkuza w tilliberah minn kull akkuza u jekk hemm bzonn tikkonferma s-sentenza fejn l-Ewwel Qorti astjeniet mit-tieni akkuza.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe' :- li l-appellant ma kienx direttur jew rapprezentant ta' Stivala Operators Limited fiz-zmien in kwistjoni. Illi lanqas ma hu l-persuna registrata mal-Kummissarju tal-VAT. Is-socjeta' Stivala Operators Limited hija registrata mall-Kummissarju tal-VAT. Illi huwa minnu li l-appellant kien iffirma l-applikazzjoni ghan-nom tal-imsemmija socjeta' meta kien direttur izda kien iffirma bhala direttur u mhux f' ismu personali. F' din il-kawza il-prosekuzzjoni

naqset ghal kollox milli tressaq prova li torbot lill-appellant fid-data inkriminata ma Stivala Operators Limited u konsegwentement prova li hu kellu xi responsabbilta' li jibghat l-ircevuta fiskali in kwistjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-21 ta' Frar, 2008, li bih il-Prosekuzzjoni eccepiet in linea preliminari n-nullita' tal-appell stante li ntalbet ir-revoka tas-sentenza appellata minnflok ir-riforma w dan bi ksur ta' dak li jiddisponi *ad validitatem* l-art. 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-Sentenza taghha tas-17 ta' Marzu, 2008, li biha irrespingiet din l-eccezzjoni preliminari tan-nullita' tar-rikors tal-appell u li biha gie ordnat il-prosegwiment tal-appell.

Semghet ix-xiehda mill-gdid.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi mismugha minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej:-

**CARMEL CASSAR, VAT INSPECTOR**, xehed li hu kien mar jinvestiga fuq ricevuta li kienet inharget lill-Ambaxxata Taljana ghall-ammont ta' LM108.35c ghax din ma kienetx ricevuta fiskali. Ma kienx fiha "*exemption number*". Meta hu kellem lill-appellant sab li dawn ma kellhomx "*exemption number*". Dan in-number tapplika ghalih meta jkollok sistema komputerizzata u allura tapplika lid-Dipartiment biex japprovalek is-software li jkollok. Dan ikun bi tlitt ittri u zewg numri. Dan in-numru hu konferma li s-sistema tieghek hija fiskali u tkun tista' tohrog kemm ghall-persuni registrati bhala taxable persons u kemm ghal persuni individwali . Ghalhekk meta inharget l-

ircevutra in kwistjoni lill-Ambaxxata Taljana riedet tinghata ricevuta fiskali manwali jew mill-cash register.

In kontro-ezami ix-xhud qal li l-Ambaxxata Taljana ma' ghandhomx VAT number u allura suppost li nhargitilhom ricevuta fiskali normali jew mill-cash register.

**PAUL SCICLUNA**, rapprezentantant tad-Dipartiment Fuq it-Taxxa Mizjuda, xehed li f' dan il-kaz l-appellant kien iffirma r-Registration Form esebita (Dok. SP 2 a fol.5) fil-kariga tieghu ta' Direttur tas-socjeta' in kwistjoni. L-appellant ma kienx kopert b' numru ta' ezenzjoni biex jutilizza sistema komputerizzata w kien obbligat li johrog ricevuta fiskali jew bil-cash register, skond x' business ikun skond it-$13^{th}$. Schedule. Wara, l-kumpanija Stivala Operators Limited kienet inghatat l-ezenzjoni biex tohrog ricevuta bhal dik li harget f' dan il-kaz. It-*tax payer* kien Stivala Operators Limited imma skond l-artikolu 66 , kull Manager jew Direttur jew segretarju huwa responsabbli.

**L-APPELLANT** xehed li ghalkemm hu kien irrizenja minn direttur fl-20 ta' Mejju, 2005, kif jidher mill-kopja tad-dokument li hu esebixxa, ma kienx ghadu avvza lid-VAT Department b' dan fid-9 ta' Novembru, 2005 u fil-fatt kien baqa' impjegat tal-istess socjeta' bhala *reservations manager*. Id-diretturi kienu rrizenjaw *en bloc* u kienu ftehmu li missierhom Carmelo Stivala jiehu r-responsabbilta' kollha minnhabba l-istruttura tas-*shares* fis-socjeta'. L-accountant kien jiehu hsieb l-VAT. Ikkonferma li fuq id-dokument esebit (a tergo ta' fol. 5) kien hemm il-firma tieghu

Ikkonsidrat;

Li minn dawn il-provi jidher li f' dan il-kaz il-kontestazzjoni in meritu tirrigwarda biss r-responsabbilta' penali o meno tal-appellant in rapprezentanza tas- socjeta' Stivala Operators Limited ghal nuqqasijiet tal-istess socjeta' u mhux jekk fil-fatt inkisritx il-ligi mill-istess socjeta'. Jirrizulta li l-Applikazzjoni ghar-Registrazzjoni fuq il-formola stabilita kienet imtliet f' isem is-socjeta' Stivala Operators Limited bhala l-applikant (fol. 5) pero' d-dikjarazzjoni giet iffirmata

mill-appellant li kellu d-*designation* ta' *Director* dak iz-zmien u cioe' fit-23 ta' Dicembru, 1998. (Fol. 6). Jirrizulta ukoll li hu rrizenja minn Direttur fl-20 a' Mejju, 2005 u din ir-rizenja giet notifikata lir-Registru tal-Kumpaniji fis-7 ta' Settembru, 2005. (Dok. XX). Ir-reat addebitat lill-appellant u li tieghu instab hati allegatament gara fid-9 ta' Novembru, 2005 u fil-granet ta' qabel din id-data. Illi huwa ma kienx avvza lid-Dipartiment tal-VAT b' din ir-rizenja.

L-appellant ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Carlo Stivala"** [20.9.2007] fejn din il-Qorti kienet irrevokat sentenza tal-Ewwel Qorti fejn l-appellant kien instab hati, proprju ghaliex irrizulta li minkejja li hu kien iffirma l-*application form* ghar-registrazzjoni, bhala direttur, hu kien irrizenja minn direttur sad-data meta sar ir-reat.

Pero' f' dan il-kaz irrizulta mill-istes depozizzjoni tal-appellant li, wara li hu rrizenja minn direttur, xorta wahda kien baqa' impjegat mas-socjeta' koncernata bhala reservations manager. Issa skond l-artikolu 66 tal-Att XXIII tal-1998, *"kull segretarju, **manager**, direttur , stralcjarju, jew ufficjal principali iehor ta' enti jew korp ta' persuni , ecc. , ghandu jkun rapprezentant ghall-ghanijiet ta' dan l-Att ta' dak il-korp ta' persuni …"*

Barra minn hekk l-artikolu 13 tal-Interpretation Act (Kap.249) jiddisponi li *"Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f' xi Att, ….isir minn korp jew ghaqda ta' persuni , sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta' l-eghmil tar-reat, kienet direttur, **manager**, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew tidher li kienet qed tagixxi f' dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat kun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat."*

Illi l-appellant ma giex imharrek fil-vesti ta' direttur tas-socjeta' Stivala Operators Limited imma "***ghan-nom u in rapprezentanza"*** tal-istess socjeta'. Ghalhekk, f' dan il-kaz, nonostante r-rizenja tieghu minn direttur tas-socjeta', ladarba kien ghadu impjegat bhala manager, l-appellant

kien ghadu jitqies li qed jagixxi in rapprezentanza tal-istess socjeta' w ergo passibbli ghall-obbligi w l-pieni li timponi l-ligi fl-Att XXIII tal-1998.

Illi ma saret ebda prova - li trid tigi mill-appellant - li hu ma kienx jaf bl-eghmil delittwuz **u** li hu ezercita d-diligenza kollha mehtiega biex jevita l-eghmil tar-reat. Li jghid li l-affarijiet tal-VAT kien jiehu hsiebhom l-*accountant*, kif xehed, mhux bizzejjed biex jezimih mir-responsabbilta' penali f' dan il-kaz. Dan hu kaz ta' non osservanza ta' ligi fiskali fejn mhux accettabbli certu kavillar zejjed bl-iskop li jigu evitati l-obbligi imposti mill-legislatur biex jaccerta ruhu li tingabar it-taxxa dovuta f' kull zmien u f' kull kaz.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant huwa infondat u qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------